MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 8/2003

**John Polidano**

**vs.**

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gja l-Awtorita’ tal-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ John Polidano datat 25 ta’ Marzu 2003 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi b’decizjoni tat-12 ta’ Marzu, 2003 il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet ‘**John Polidano vs. l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**’ (ara Dok “JP 1” anness) iddecieda li jichad l-appell u jikkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq Nru. ECF 1304/00 li kien

jaqra *'Ghandek zvilupp li jikkonsisti fil-bini ta' hajt, kamra u vaska msaqqfa fil-konkrit go ghalqa minghajr permess. Ma dan kollu qieghed taghmel passagg fl-ghalqa minghajr permess';*

2. Illi rikorrent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-fatti fil-qosor rigwardanti dan l-appell huma li l-appellant huwa sid ta' ghalqa li tinsab f'Taz-Ziju, Sqaq Ballott, Off Triq Hal-Far, Zurrieq. F'din l-ghalqa prezentement wiehed isib hajt (boundary wall), kamra (li mhix imsaqqfa) u vaska msaqqfa fil-konkrit. Fl-ahhar tas-sena 2000 *Enforcement Officer* ta' l-Awtorita' mar fuq il-post ghaliex kien sar rapport fuq ghalqa vicin din ta' l-appellant u mhux dik ta' l-appellant. Meta ra l-ghalqa ta' l-appellant l-*Enforcement Officer* deherlu li l-hajt, il-kamra u l-vaska ma kellhomx permess u ghalhekk hareg l-Avviz biex Tieqaf u Twettiq in kwistjoni. Dan kollu minkejja li l-appellant dak iz-zmien infurmah mill-ewwel li dawn kienu ilhom hemm ghal hafna snin u li hu kull ma kien qed jaghmel kien xi manutenzjoni fihom;

4. Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest *stante* li ghalkemm l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq kien jallega li *'Ma dan kollu qieghed taghmel passagg fl-ghalqa minghajr permess'* jidher li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar naqas milli jaghti l-motivazzjoni tieghu ghalfejn ikkonferma l-avviz anki f'dan ir-rigward u b'hekk twettqet ingustizzja manifesta fil-konfront ta' l-appellant. X'irrizulta lill-Bord ta' l-Appell illi kien hemm dan il-passagg jew ma kienx hemm dan il-passagg bla permess? U jekk effettivament, kif huwa sottomess mill-appellant, dan il-passagg bla permess ma kienx jezisti ghalfejn il-Bord ta' l-Appell ma ddikjarax li l-avviz ta' twettiq kien null f'dan ir-rigward! Ta' min jinnota li fid-decizjoni appellata dan il-passagg jissemma darba biss meta gie kkwotat l-Avviz appellat u mkien aktar;

Illi fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju l-esponent jaghmel referenza ghal-diversi decizjonijiet tal-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell li fihom gie dikjarat li jekk decizjoni ma tkunx debitament motivata allura din tkun tippeka fil-ligi ghaliex mhux konformi mal-principji ta' procedura stabbiliti u konsegwentement hemm dritt ta' appell minn tali decizjoni fosthom **"John Grixti vs. Awtorita ta' l-Ippjanar"** (deciza fis-6 ta' Mejju, 1998), **"Michael Gatt vs. Awtorita ta' l-Ippjanar"** (deciza fis-19 ta' Novembru, 2001) kif ukoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Angelo Said vs. Awtorita ta' l-Ippjanar"** (deciza fis-27 ta' Jannar, 1997) fejn f'dan il-kaz l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell accennat li jekk titwettaq ingustizzja manifesta fil-konfront ta' parti allura hemm lok ghal appell;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa wkoll car u manifest *stante* li fir-rigward tal-hajt imsemmi fl-avviz biex tieqaf u ta' twettiq in kwistjoni l-Bord ta' l-Appell ikkontradixxa lilu nnifsu fid-decizjoni tieghu bir-rizultat li assolutament mhux car jekk l-Bord ta' l-Appell ddecidiex li l-hajt *per se* huwa bla permess jew inkella li biss certi dettalji fl-istess hajt huma bla permess u konsegwentement d-decizjoni in kwistjoni tippekka legalment u hija nulla;

Illi kieku kellha tigi accettata din id-decizjoni jirrizulta li din tkun a detriment ta' l-appellant *stante* li d-drittijiet tieghu ma gewx kjarifikati permezz tad-decizjoni appellata mhux car fil-ligi x'passi jridu jittiehdu da parti ta' l-appellant konsegwenza ta' l-istess decizjoni;

Illi jigi umilment sottomess li aggravju li jallega li d-decizjoni appellata ma tatx konkluzjoni definittiva tal-kwistjoni li kien hemm bejn il-partijiet jikkwalifika bhala punt ta' ligi deciz mill-Bord u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tiddeciedi fuq dan l-aggravju. Hawnhekk issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **"Anthony Cauchi vs. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (deciza fis-6 ta' Ottubru, 2000) f'liema decizjoni dik il-Qorti kienet qalet li l-allegazzjoni li decizjoni tikkontradixxi lili [recte lilha] nnifisha hija certament punt ta' ligi. L-appellant odjern izda ma jaqbilx ma' dik l-Onorabbli Qorti fejn kienet qalet li izda dan il-punt ta' ligi ma kienx wiehed deciz mill-Bord. Bir-rispett

kollu jigi umilment sottomess li la darba dan il-punt ta' ligi jemana mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell bilfors li huwa punt ta' ligi deciz mill-Bord ghaliex li kieku ma kienx hemm id-decizjoni l-istess punt ta' ligi qatt ma seta' jirrizulta! Issir ukoll referenza ghad-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"George Borg vs. Awtorita ta' l-Ippjanar"** (deciza fit-23 ta' April, 2001) liema kaz jista' facilment jigi assimilat ghall-kaz odjern u fejn dik l-Onorabbli Qorti kienet iddecidiet li l-aggravju in kwistjoni kien jikkwalifika bhala punt ta' ligi deciz mill-Bord;

Illi rigward il-mertu ta' dan l-appell jigi sottomess li l-Bord ta' l-Appell ikkontradixxa lilu nnifsu fid-decizjoni tieghu ghaliex filwaqt li l-ewwel jghid li rrizultalu li kien hemm permess ghall-hajt minn naha l-ohra huwa jichad l-appell ta' l-appellant fl-intier tieghu u ghalhekk jikkonferma wkoll dik il-parti ta' l-Avviz fejn jinghad li kien hemm hajt bla permess:

*"Punt iehor huwa l-fatt illi filwaqt illi l-appellant qieghed jinsisti illi l-hajt sar da parti tal-Gvern ghall-habta tal-1982, kienet giet intavolata l-applikazzjoni PB 2159/90/473/89 xi seba' snin wara sabiex dan il-hajt joghla u jitghatta b'gebel rustiku u fil-fatt, jidher illi dan attwalment kien sar f'parti minn dan il-hajt izda l-hajt ta' mat-triq baqa ma tghattiex;*

*Dan il-Bord huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti, l-appellant naqas milli jipprova illi l-izvilupp li sar kien kopert bil-permess u illi huwa aderixxa ruhu mal-kundizzjonijiet tal-permess, jew illi l-izvilupp ma kienx jirrikjedi l-ebda permess, a tenur tal-**artikolu 52 (9) tal-Kap. 356**";*

Illi dan il-paragrafu jaghti x'jifhem li l-Bord ta' l-Appell accetta li effettivament il-hajt kien sar originarjament mill-Gvern fis-sena 1982 u li wkoll seba' snin wara kien inghata l-permess sabiex il-hajt in kwistjoni joghla u jitghatta b'gebel rustiku. Jigi umilment sottomess li la darba l-Bord ta' l-Appell accetta dawn iz-zewg punti allura l-istess Bord qatt ma seta legalment jikkonferma l-Avviz fl-intier tieghu bil-konsegwenza li ddikjara l-hajt kollu bhala illegali. *Se mai* l-Bord seta jiddikjara li xi karatteristici tal-

hajt ma kinux konformi mal-permessi moghtija izda zgur mhux li l-hajt kollu kien illegali;

Illi minhabba dak kollu suespost fir-rigward ta' dan l-aggravju l-appellant sab ruhu f'posizzjoni li ma jafx ma' liema parti tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell ghandu jottempera ruhu, dik il-parti fejn il-Bord qed jghid li l-hajt ghandu permess izda li parti mill-hajt mhux mghotti b'gebel rustiku skond il-kundizzjonijiet ta' l-istess permess, jew dik il-parti tad-decizjoni fejn qed jilqa l-Avviz appellat u konsegwentement jiddeciedi li l-hajt kollu huwa illegali. Ghal din ir-raguni d-decizjoni tal-Bord hija wkoll invalida u nulla fil-ligi!

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-tielet aggravju ta' l-esponent huwa car u manifest *stante* li l-Bord ta' l-Appell iddecieda punt ta' ligi b'mod zbaljat meta ddikjara li *'l-hrug ta' avviz biex tieqaf u ta' twettiq huwa validu anke'* jekk il-persuna li tigi notifikata b'tali avviz ma kinitx il-persuna li attwalment ghamlet l-izvilupp kolpit, u dan il-Bord irid ikun sodisfatt illi tali avviz ikun hareg legalment';

Illi jigi umilment sottomess illi l-ligi mkien ma tezenta lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar milli tinnotifika b'avviz biex tieqaf u ta' twettiq lil dawk kollha li kellhom x'jaqsmu mal-bini in kwistjoni. Ghalkemm il-**Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 52 (1)** jaqra illi *'l-Awtorita ghandha tinnotifika fuq is-sid ta' l-art jew fuq l-okkupant ta' l-art jew fuq it-tnejn' l*-istess artikolu mkien ma jezenta lill-Awtorita mid-dover taghha li tinnotifika lil kwalunkwe persuna ohra li hija ssir taf, anki wara l-hrug ta' l-avviz, illi kellu x'jaqsam ma' l-istess zvilupp;

Illi kieku kellha tigi accettata l-interpretazzjoni tal-Bord f'dan ir-rigward wiehed isib ruhu f'sitwazzjoni ta' ingustizzja kbira *stante* li filwaqt li l-persuna li assolutament ma kelliex x'taqsam mal-bini in kwistjoni jkollha tghaddi mill-proceduri u tbaghti l-konsegwenzi, il-persuna 'hatja' talli sar l-izvilupp ma tbaghti l-ebda konsegwenza u tibqa *inpunita* fil-ligi. Certment sitwazzjoni bhal din ma tkunx qed taghmel gustizzja ugwali mac-

cittadini kollha. Ghal din ir-raguni wkoll d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tippekka fil-ligi u hija konsegwentement nulla;

Illi f'dan l-istadju wiehed ukoll jistaqsi ghalfejn wara li l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Izvilupp giet infurmata li l-hajt in kwistjoni kien sar mill-Gvern fis-sena 1982, skond l-istess Awtorita minghajr permess, ma hargitx Avvizi ohra kontra s-sidien kollha tal-eghlieqi l-ohra li maghhom ukoll imiss l-istess hajt kif ukoll kontra l-persuni li effettivament kienu bnew il-hajt!

Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi gia prodotti u jirriserva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tilqa l-appell u tirrevoka, thassar u/jew tannulla d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-12 ta' Marzu, 2003 fil-kaz fl-ismijiet **John Polidano vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (PAB 493/00) in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat r-rifjut l-Avviz biex tieqaf u ta' twettiq Nru ECF 1304/00 jew jekk ikun il-kaz tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita appellata.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol 7 sa fol 9 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 15 ta' Mejju 2003, a fol 10. Permezz ta' din in-nota l-Bord esibixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet John Polidano kontra Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deciz mill-Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 28 ta' Mejju, a fol. 12 *et seq* tal-process:-

*1.* Illi l-Awtorita esponenti harget avviz biex tieqaf u ta' twettieq bin-numru 1304/00 kontra l-istess John Polidano talli *"Ghandek zvilupp li jikkonsisti fil-bini ta' hajt, kamra u vaska msaqfa fil-konkrit go ghalqa minghajr permess. Ma'*

*dan kollu qieghed taghmel passagg fl-ghalqa minghajr permess".*

2. Illi l-appellant appella minn dan l-avviz u fit-12 ta' Marzu 2003, il-Bord dwar l-Ippjanar cahad dan l-appell ghas-segwenti ragunijiet:

*"Dan il-Bord huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti, l-appellant naqas milli jipprova illi l-izvilupp li sar kien kopert bil-permess u illi aderixxa ruhu mal-kundizzjonijiet tal-permess, jew illi l-izvilupp ma kienx jirrikjedi l-ebda permess, a tenur tal-**Artikolu 52(9) tal-Kap. 326**. Il-hrug ta' avviz biex tieqaf u ta' twettieq huwa validu anke' jekk il-persuna li tigi notifikata b'tali avviz ma kinitx il-persuna li attwalment ghamlet l-izvilupp kolpit, u dan il-Bord irid ikun sodisfatt illi tali avviz ikun hareg legalment. Dan il-Bord jikkonkludi illi l-avviz huwa validu u ghandu jigi konfermat".*

3. Illi preliminarjament l-appell odjern interpost mill-applikant qauddiem dina l-Onorabbli Qorti huwa null *stante* li mhuwiex qed isir minn *"punti ta' ligi decizi mill-Bord" a tenur* ta' l-**artikolu 15(2) ta' l-Att I ta' l-1992**. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma hijiex it-tielet istanza fejn tista tigi kontestata kwalunkwe decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, izda jista jsir appell ristrett biss dwar punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord.

Kif kien konfermat b'mod kostanti mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti, **"Dr. Alfred Grech vs Awtorita ta' l-Ippjanar"** (deciza fil-31 ta' Mejju, 1996 – Appell Nru. 93/94) huwa l-Bord ta' l-Appell biss li ghandu d-diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzjoni, u din l-interpretazzjoni ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor;

Altrimenti dina l-Onorabbli Qorti tkun qeghda tissostitwixxi id-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell u b'hekk tagixxi ta' tribunal tat-tielet istanza. Kulma ghamel il-Bord kien li applika disposizzjoni tar-regolamenti ghal kaz in ezami u hass illi l-appellant ma' ppruvax il-kaz tieghu b'mod sodisfacjenti u ezawrjenti, u bl-ebda mod ma iddecieda xi

punt ta’ ligi dwar dan ir-regolament li dwaru kienet qamet xi kontroversja quddiem il-Bord ta’ l-Appell.

Fil-fatt dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza **“Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp” (Decizjoni tal-31 ta’ Mejju, 1996)** spjegat li:

*“Din il-Qorti tista tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta’ dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m’hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta’ fatt, fuq kwistjonijiet ta’ apprezzament ta’ provi … Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni triq tkun necessarjament dwar kwistjoni ta’ dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata”;*

Illi l-kaz in ezami huwa simili hafna ghall-mertu fil-kaz **Angelo Farrugia vs Chairman ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar** fejn l-aggravju ta’ l-appellant kien li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b’mod skorrett il-Pjan ta’ Struttura u naqas milli japplika certu disposizzjonijiet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati.

L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, f’dan l-istess kaz, kienet qalet hekk:

*“Tali interpretazzjoni … hija esklussivament fil-mansjoni ta’ l-esercizzju tal-poteri ta’ l-organi ta’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta’ l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qieghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f’materja teknika li tispetta biss skond il-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b’ligi biex jiddetermina materji ta’ din ix-xorta”;*

Fil-fatt l-appellant fl-ebda aggravju ma jqajjem xi punt ta’ ligi li gie deciz fis-sentenza tal-Bord u kull aggravvju gie mismuh u determinat mill-istess Bord. Kien l-appellant illi wara l-hrug tal-avviz gia msemmi, kellu l-oneru tal-prova fuqu li jipprova b’mod konkret illi dak li kien qed jallega kien veru;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant kien fis-sens illi l-passagg msemmi fl-avviz kien bil-permess. Illi ghalkemm

l-appellant ghamel dan l-aggravju bhala l-ewwel wiehed u tah importanza kbira ghax qal illi l-Bord ta’ l-Appell ma tahx hafna importanza, madanakollu dan l-aggravju ma kienx wiehed mill-aggravji li l-appellant issottometta quddiem il-Bord ta’ l-Appell (ara pg. 1 u 2 tad-decizjoni). Ghaldaqstant, dan il-fatt kien juri illi l-appellant ma kienx qed joggezzjona minn dan il-fatt;

Ghaldaqstant u gustament il-Bord ma qadtx jissofferma hafna fuq dan il-passagg ghalkemm sema’ x-xhieda ta’ Ivan Fava li hu l-*enforcement officer* ghal dik l-arja kif ukoll meta ra r-ritratti tal-ajru tal-1988 u tal-1993 u dawn juru illi *“juru illi l-ghalqa kienet tinhadem u ma tidhirx illi hija disturbata xejn”.* Illi ghalhekk u anke’ *in vista* tal-fatt illi kien l-appellant stess li qatt ma tkellem u oggezzjona rigward il-passagg, il-Bord kellu provi cari illi dik l-ghalqa kienet tinhadem kollha anke’ hmistax il-sena qabel;

Illi ghalhekk dan l-aggravju ma huwiex qed jigi maghmul fuq punt ta’ ligi deciz mill-Bord.

It-tieni aggravju huwa fis-sens illi l-appellant ma jarax cara id-decizjoni tal-Bord rigward il-hajt tas-sejjieh. Illi hawnhekk ukoll, dan l-aggravju mhux qed isir minn punt ta’ ligi u ghandu jigi michud imma biex issir ftit kjarezza anke’ lill-appellant stess, l-esponenti qed ikollha tidhol fil-mertu.

Illi jekk wiehed jara d-dikjarazzjoni tal-*enforcement officer* Ivan Fava (pg. 3 tad-decizjoni) huwa qal illi kien acceda fuq is-sit fil-bidu ta’ Dicembru 2000 u fis-sit in kwistjoni kien sab hajt tal-franka li l-appellant kien irreferielu li dan kien bil-permess u meta l-*enforcement officer* ghamel il-verifiki tieghu, dan sab illi kien hemm permess bin-numru PB 2159/90/473/89 ghall-kostruzzjoni ta’ *“boundary wall”* ta’ gholi mhux aktar minn tmien filati bil-kundizzjoni illi l-hajt kellu jkun *“cladded”* izda jirrizulta parti biss minn dan il-hajt huwa *cladded;*

Illi ghalhekk il-Bord ikkonkluda f’pagna 4 tad-decizjoni illi *“… filwaqt illi l-appellant qieghed jinsisti illi l-hajt sar da parti tal-Gvern ghal habta tal-1982, kienet giet intavolata l-*

*applikazzjoni PB 2159/90/473/89 xi seba' snin wara sabiex dan il-hajt joghla u jitghatta b'gebel rustiku u fil-fatt, jidher illi dan attwalment kien sar f'parti minn dan il-hajt izda l-hajt ta' mat-triq baqa ma tghattiex".* Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Bord hija cara illi l-hajt kollu ghandu jsir *cladded* b'gebel rustiku.

It-tielet aggravju ukoll huwa bazat fuq punt ta' fatt u dan ghaliex huwa ppermjat fuq allegat interpretazzjoni hazina tal-Ligi dwar l-Ippjanar u li dan fil-fatt ma jikkostitwix bazi ta' appell ta' dan it-tip. Il-punt mqajjem mill-appellant huwa illi l-Bord iddecieda gustament illi rrilevanti mill-persuna li ghamlet l-irregolaritajiet, min qed jokkupa s-sit dak iz-zmien li hareg l-avviz ghandu jkun dik il-persuna li ghandha tirrispondi ghalihom. Wara kollox, sta ghal kompratur meta jixtri bicca proprjeta li jassigura ruhu li kollox hemm bil-permess tal-Awtoritajiet kompetenti u ghaldaqstant ma jistax jigi issa l-appellant u jghid illi mhux hu kien li ghamel l-irregolaritajiet;

Illi l-**artikolu 52(1)** jaqra biss illi *"l-Awtorita ghandha tinnotifika fuq is-sid ta' l-art jew fuq l-okkupant ta' l-art jew fuq it-tnejn"* l-imsemmi avviz u ma tghidlek xejn li hija ghandha l-obbligu li tinnotifika xi persuna ohra li setghet kienet qed tokkupa l-post jew li setghet ghamlet l-irregolaritajiet. L-Awtorita' m'ghandhiex is-setgha li tkun taf min ghamel dawn l-irregolaritajiet jekk ma jinqabdux fil-fatt u ghalhekk il-Ligi timponi li jsir l-avviz f'isem is-sid u l-okkupant ghaliex l-irregolarita' tkun marbuta ma' l-art u mas-sid jew l-okkupant. Dawn jigu nterpellati sabiex igibu kollox skond il-permess. Jekk ghall-grazzja tal-argument l-appellant ma kienx dik il-persuna li kkommettiet l-irregolarita, huwa jista jipprocedi civilment kontra dik il-persuna;

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tat-tnax (12) ta' Marzu 2003 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant John Polidano, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar

fit-tnax (12) ta’ Marzu, 2003, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru, 2003 fejn il-Qorti, wara li giet mitluba sabiex takkorda terminu ghal prezentata ta’ nota ta’ osservazzjonijiet, laqghet tali talba u ipprefegiet terminu ta’ 40 jum mil-lum bin-notifika lill-kontroparti li jkollu 40 jum biex jirrispondi. Il-Qorti iddiferiet il-kawza ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-27 ta’ April 2004.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ John Polidano datata 27 ta’ Novembru 2003, a fol 21 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu jilmenta mill-fatt illi “ghalkemm l-avviz biex tieqaf u ta’ twettiq kien jallega li ‘*Ma dan kollu qieghed taghmel passagg fl-ghalqa minghajr permess*’ jidher li l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar naqas milli jaghti l-motivazzjoni tieghu ghalfejn ikkonferma l-avviz anki f’dan ir-rigward u b’hekk twettqet ingustizzja manifesta fil-konfront ta’ l-appellant. X’irrizulta lill-Bord ta’ l-Appell illi kien hemm dan il-passagg jew ma kienx hemm dan il-passagg bla permess? U jekk effettivament, kif huwa sottomess mill-appellant, dan il-passagg bla permess ma kienx jezisti ghalfejn il-Bord ta’ l-Appell ma ddikjarax li l-avviz ta’ twettiq kien null f’dan ir-rigward! Ta’ min jinnota li fid-decizjoni appellata dan il-passagg jissemma darba biss meta gie kkwotat l-Avviz appellat u mkien aktar”;

Illi l-abbli difensur ta’ l-appellant in sostenn ta’ l-argument tieghu jiccita diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti fosthom **John Grixti vs. Awtorita ta’ l-Ippjanar (6 ta’ Mejju, 1998), Michael Gatt vs. Awtorita ta’ l-Ippjanar (19 ta’ Novembru, 2001)** fejn jinghad illi – u dan fi kliem l-istess appellant – jekk decizjoni ma tkunx debitament

motivata allura din tkun tippeka fil-ligi ghaliex mhux konformi mal-principji ta' procedura stabbiliti u konsegwentement hemm dritt ta' appell minn tali decizjoni. Jiccita wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Angelo Said vs. Awtorita ta' l-Ippjanar (27 ta' Jannar, 1997)** fejn f'dan il-kaz l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell accennat li jekk titwettaq ingustizzja manifesta fil-konfront ta' parti allura hemm lok ghal appell;

Illi l-Awtorita appellata fir-risposta taghha ghal dan l-aggravju tghid illi preliminarjament l-appell odjern interpost mill-applikant qauddiem dina l-Onorabbli Qorti huwa null *stante* li mhuwiex qed isir minn "punti ta' ligi decizi mill-Bord" *a tenur* ta' l-**artikolu 15(2) ta' l-Att I ta' l-1992.** L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma hijiex it-tielet istanza fejn tista' tigi kontestata kwalunkwe decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, izda jista jsir appell ristrett biss dwar punt ta' ligi li jkun gie deciz mill-Bord. L-abbli difensur tal-Awtorita' appellata tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in sostenn tat-tezi taghha fosthom **"Dr. Alfred Grech vs Awtorita ta' l-Ippjanar"** – sentenza tal-31 ta' Mejju, 1996 – Appell Nru. 93/94; **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju, 1996) u dak ta' **"Angelo Farrugia vs Chairman ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar"**. Id-difensur tal-Awtorita appellata tghid illi l-kaz odjern huwa simili hafna ghal dan l-ahhar kaz iccitat.

Tkompli tghid l-Awtorita appellata fir-risposta taghha, illi l-appellant fl-ebda aggravju ma jqajjem xi punt ta' ligi li gie deciz fis-sentenza tal-Bord u kull aggravvju gie mismuh u determinat mill-istess Bord. Kien l-appellant illi wara l-hrug tal-avviz gia msemmi, kellu l-oneru tal-prova fuqu li jipprova b'mod konkret illi dak li kien qed jallega kien veru. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant kien fis-sens illi l-passagg msemmi fl-avviz kien bil-permess. Illi ghalkemm l-appellant ghamel dan l-aggravju bhala l-ewwel wiehed u tah importanza kbira ghax qal illi l-Bord ta' l-Appell ma tahx hafna importanza, madanakollu dan l-aggravju ma kienx wiehed mill-aggravji li l-appellant ssottometta quddiem il-Bord ta' l-Appell (ara pg. 1 u 2 tad-decizjoni). Ghaldaqstant, dan il-fatt kien juri illi l-appellant ma kienx qed joggezzjona minn dan il-fatt. Ghaldaqstant u

gustament il-Bord ma qadx jissofferma hafna fuq dan il-passagg ghalkemm sema' x-xhieda ta' Ivan Fava li hu l-*enforcement officer* ghal dik l-arja kif ukoll meta ra r-ritratti tal-ajru tal-1988 u tal-1993 u dawn juru illi *"juru illi l-ghalqa kienet tinhadem u ma tidhirx illi hija disturbata xejn"*. Illi ghalhekk u anke' *in vista* tal-fatt illi kien l-appellant stess li qatt ma tkellem u oggezzjona rigward il-passagg, il-Bord kellu provi cari illi dik l-ghalqa kienet tinhadem kollha anke' hmistax il-sena qabel. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma huwiex qed jigi maghmul fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord.

Illi jehtieg allura li jigi determinat l-ewwel u qabel kollox jekk l-appell maghmul mill-appellant jissodisfax dak li tghid il-ligi fis-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att I ta' l-1992** u cioe' l-**Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan l-artikolu tal-ligi jaqra:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-* ***artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*** *minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi dan il-paragrafu tal-ligi fih diversi aspetti interessanti li ilhom jigu interpretati sa minn meta bdew jinghataw decizjonijiet minn din il-Qorti dwar din il-ligi partikolari.

Illi dan l-artikolu tal-ligi jibda bil-kliem "*d-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali*". Din timplika illi "*l-Ligi ma taghti l-ebda dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord dwar kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi u fuq kwistjonijiet ta' l-ippjanar li jkunu jinvolvu semplicement aspetti teknici*" (ara f'dan is-sens s-sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Michael Gatt vs Awtorita' ta' L-Ippjanar"** fid-19 ta' Novembru 2001).

"*Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali*" anke' meta jkun hemm "*is-semplici applikazzjoni ta' xi*

*disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi disposizzjoni*". (ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza fil-31 ta' Mejju 1996).

Illi ghalhekk inghad, fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' April 1996 illi:

*"F'sistema gudizzjarja fejn mhux permess rikors ghat-tielet Qorti ta' appell, u ghalhekk li hu biss konsentit bil-ligi appell lil din il-Qorti f'kazijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Bord <u>espressa fid-decizjoni minnu emessa</u>. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' revizjoni fuq il-fatti in kawza, din il-Qorti ghandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jigu osservati r-regoli tal-gustizzja naturali u l-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji fiha enuncjati".*

Illi t-tieni parti ta' dan l-artikolu tal-ligi jghid illi "*ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-* ***artikolu 41(6) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili*** *minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu".*

Illi b'mod succint, din il-Qorti tghid illi l-interpretazzjoni li bdiet tinghata fil-bidu li bdew jinghataw dawn it-tip ta' decizjonijiet kienu fis-sens illi din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Inghad ukoll illi lanqas ma kien ikun hemm dritt ta' appell fuq punti ta' ligi jekk dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata -- **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza fil-31 ta' Mejju 1996. Dan il-principju assolut – li ma huwa xejn hlief l-interpretazzjoni litterali ta' dan l-artikolu tal-ligi – pero' tbiddel xi ftit mat-trapass taz-zmien. Il-gurisprudenza evolviet dan il-principju billi qalet illi: "*l-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma waqfitx biex tistrieh esklussivament fuq l-interpretazzjoni litterali tad-disposizzjoni in kwistjoni, cioe' l-**artikolu 15 (2) tal-Att Numru 1 tal-1992**. Jekk punt tad-dritt ikun <u>necessarjament involut fid-decizjoni tal-Bord</u>,*

*allura appell fuq l-istess punt ta' dritt ikun ammissibbli lil din il-Qorti ta' revizjoni, ghaliex il-Bord ikun iddecieda l-istess punt ta' dritt, sia' pure tacitament. Hekk, per ezempju, nsibu diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti li ddikjarat appell ammissibbli meta tigi sollevata l-eccezzjoni li l-Bord ikun agixxa ultra vires. Dana sostanzjalment fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda indirettament u tacitament li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kif iddecieda d-decizjoni tieghu*". (**"Joseph Cassar vs Awtorita ta' l-Ippjanar"** deciz fil-31 ta' Mejju, 2002).

Illi ghall-facilita' u sabiex il-vertenza odjerna tigi risolta, din il-Qorti ser taghmel referenza ghal xi sentenzi moghtija minn din il-Qorti dwar x'jikkostitwixxu "*punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu".*

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **"Jack Galea vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Appell Numru 213/99) deciza fid-19 ta' Novembru, 2001 qalet illi:-

*"Din id-dispozizzjoni tal-ligi tistabbilixxi l-gurisdizzjoni limitatissima moghtija lil din il-Qorti biex tirrevedi decizjonijiet tal-Bord. … ghall-kompletezza, din il-Qorti sejra tillimita ruhha biex tirriproduci silta mis-sentenza taghha moghtija fil-kawza taghha* **"Emanuel Mifsud vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** *fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie espressament ritenut li din il-Qorti:-*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan ifisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' appell anqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (App. Nru. 31A/96) deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Mejju 1997 intqal illi:

*“irid jinghad li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kif konferita bis-sahha tas-**subartikolu (2) tal-artikolu 15 tal-imsemmi Att 1 ta' l-1992**, hija wahda limitata hafna. Dana billi din il-Qorti, meta tisma' appelli mid-decizjonijiet tal-Bord ta' Appell, tissindika l-istess decizjonijiet unikament dwar punti ta' ligi li jkunu gew trattati u decizi fl-istess decizjoni”.*

Illi *inoltre* fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** *supra* citata, inghad:-

*“Illi dana billi il-Bord, fid-decizjoni appellata, llimita ruhu ghall-interpretazzjoni tal-Policies fil-Pjan Strutturali u applikahom ghall-kaz partikolari. Tali nterpretazzjoni u applikazzjoni jispettaw, skond il-ligi, lill-Bord ta' l-Appell u din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindikahom jew tiddisturbahom, sakemm ma jkunx jidher car illi d-decizjoni hija manifestament ingusta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi, kif enuncjata fl-istess decizjoni”.*

Illi din il-Qorti tkompli tghid illi decizjonijiet tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar jistghu jigu impunjati quddiem il-Qrati Ordinarji, fil-kazijiet kongruwi, per ezempju, fl-ipotezi li l-Bord wettaq xi ingustizzja manifesta billi jkun naqas li josserva xi principju tal-gustizzja naturali. Kwistjonijiet bhala dawn, pero', ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti skond l-imsemmija dispozizzjoni.”

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Tony Zahra vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (Appell Nru. 54A/97) deciza fis-6 ta’ Mejju 1998 intqal illi:-

*“… anke’ kieku fl-ipotesi li dawn il-fatturi ma gewx espressament imsemmija fid-decizjoni appellata u/jew ma gewx kummentati mill-Bord, xorta wahda ma jkunx hemm il-possibilita’ ta’ aditu b’success lil din il-Qorti. Dana billi l-ligi taghti d-dritt ta’ appell biss u b’mod tassattiv, fuq punt ta’ ligi li jkun gie deciz mill-Bord.”*

Illi konsegwentement mal-premess din il-Qorti hekk kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) sostniet li hija *"qeghda taghmel dina l-osservazzjoni ghaliex kif inghad aktar 'il fuq il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, f'appelli bhal dawn cjoe' taht l-Att Numru I tal-1992 konsegwentement hija limitata hafna. Din il-Qorti m'ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrevedi u tirrimedja ghal kwalunkwe mankanza, immaginata jew reali, li tkun esposta mill-parti aggravata minn decizjoni tal-Bord. Invece, din il-Qorti tista', u ghandha tintervjeni biss fil-kazijiet li jolqtu direttament xi punt ta' ligi li jkun gie espressament deciz mill-Bord. Evidentement l-aggravju li l-Bord naqas li jaghti d-debita konsiderazzjoni lil xi fatturi rilevanti jew anke' li l-Bord ha in konsiderazzjoni xi fatti rrilevanti, ma jikkostitwixxux punt ta' dritt deciz mill-Bord u ghalhekk ma jaghtux lok ta' appell lil din il-Qorti taht il-ligi msemmija. Il-valutazzjoni, l-apprezzament u l-piz li jaghti l-Bord ghall-fatti tal-kaz jidhlu fid-diskrezzjoni tal-Bord, liema diskrezzjoni ma hijiex sindakabbli minn dina il-Qorti f'appelli bhal dawn;*

*Illi dana necessarjament jimplika li l-uzu w it-twettiq ta' dina d-diskrezzjoni da parti tal-Bord hija ferm aktar oneruza milli kieku l-ligi provdiet ghall-possibilita' ta' sindakabilita' fuq din il-materja. U billi huwa principju fondamentali tal-amministrazzjoni retta tal-gustizzja, li din mhux biss trid issir, izda trid tidher manifestament li qeghda ssir, isegwi li l-Bord ghandu jkun ferm geluz li jikkonsidra sewwa s-sottomissjonijiet kollha li jsirulu mill-partijiet u li jimmotiva sewwa d-decizjonijiet li jaghti anke' fuq l-aspetti fattwali tal-*kaz".

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Appell fejn gie ritenut illi:

*"Jixraq li fl-ewwel lok tigi trattata u deciza l-eccezzjoni preliminari sottomessa mill-Awtorita' tal-Ippjanar u cioe' li l-appell odjern kien wiehed null peress li wiehed jista' jappella minn decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar biss fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. L-Awtorita' ghamlet referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31*

*ta' Mejju, 1996 fil-kawza fl-ismijiet* **"Emmanuel Mifsud versus L-Awtorita' tal-Ippjanar"** *fejn gie espressament ritenut li l-Qorti tal-Appell:*

*"Tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan jfisser li ma hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. Ma hemmx dritt ta' Appell lanqas fuq punti ta' ligi sa kemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata;*

*Din il-Qorti kellha okkazzjoni li tidhol u tinvestiga din l-eccezzjoni f'numru kbir hafna ta' kawzi ricentement u ghalhekk, filwaqt li ssir espressa referenza ghal din il-gurisprudenza ricenti ta' din il-Qorti, ma jidhirliex li ghandha tahli aktar hin biex tenfasizza il-gurisdizjoni limitata li din il-Qorti ghandha f'appelli statutorji bhal dawn minn decizjonijiet tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar".*

Illi dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta nkluzi **"Manwel Vella vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002); **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002 - Appell Numru 8/2001); u **"Jason Zammit vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002) – Appell Numru 9/2001 fost l-ohrajn.

Illi dan ma jfissirx li l-appellant ma ghandux rimedji ohra, anke' quddiem dawn il-Qrati, sabiex iressaq 'il quddiem l-ilment tieghu fuq l-allegazzjonijiet minnu vantati, izda dan mhux necessarjament quddiem din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell minn punti ta' dritt decizi mill-Bord tal-Appell, ghaliex l-ezami li trid u ghandha taghmel din il-Qorti huwa biss fl-ambitu ta' dak provdut fl-**artikolu 15 (2) tal-Att I tal-1992**, u kull konsiderazzjoni ohra hija *ultra vires* ghal din l-istess Qorti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Borg vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' April 1996 intqal illi:-

*"Jista' biss isir appell mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar quddiem din il-Qorti fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord. Mhux biss hu eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord imma wkoll fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux gew trattati u decizi mill-Bord. U din il-kontestazzjoni ta' ligi u decizjoni dwarha trid tirrizulta fis-sentenza appellata. Hu superfluwu li jigi notat illi l-appell hu minn decizjoni ta' Bord ta' Appell - Tribunal b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattiv;.*

*F'sistema gudizzjarju fejn mhux permess rikors ghat-tielet qorti ta' appell, hu ghalhekk li hu biss konsentit bil-ligi appell lil din il-Qorti f'kazijiet fejn ikun allegat li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mill-Bord espressa fid-decizjoni minnu emessa. Dan ifisser illi aktar minn funzjoni ta' revizjoni fuq il-fatti in kawza, din il-Qorti ghandha allura, funzjoni ta' sentinella biex tassigura li jigu osservati r-regoli tal-gustizzja naturali u l-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tal-principji fiha enuncjati."*

Illi similarment, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Mugliett vs L-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996, gie riaffermat il-principju li:-

*"Skond il-ligi, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss u unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata. Fi kliem iehor, il-kwistjoni ta' dritt li fuqha persuna aggravat tista' tappella, trid tkun diga qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu."*

Illi sentenza ohra li sewgiet dan l-principju kienet **"Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie kkonfermat b'termini precizi li:-

*"L-**artikolu 15 (2) ta' l-Att I ta' l-1992** dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, jipprovdi li:-*

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell;*

*Illi johrog car minn ezami akkurat ta' din id-dispozizzjoni li l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord imsemmi hija wahda ristretta ferm. Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dana jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunux espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici enuncjazzjoni ta' xi disposizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa w elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

Illi finalment din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"*Joe Cortis vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et*"*** (deciza fis-27 ta' Frar, 1996 (App. Nru. 376/93)) fejn inghad illi:-

*"Dwar id-distinzjoni bejn x'jikkostitwixxi punt ta' ligi u punt ta' fatt inkiteb hafna u kien hemm ukoll diversi decizjonijiet dwarha. Gieli d-distinzjoni tkun cara u gieli ma tkunx. F'nota dwar ligi u fatt u x'jista jammonta ghal zball f'wiehed jew fl-iehor, l-awturi **Beatson u Matthews** (ara **Administrative Law, Cases and Materials**, - Oxford, 2nd Ed. 1989, p 113) jistqarru li:*

*"The important distinction between errors of law and of fact can be very fine and, as has been seen, the cases do not adopt a consistent position on the correct method of making it".*

Illi ferm interessanti *'a proposito'* hija wahda mir-rakkomandazzjonijiet li saret fir-**"Report of the Committee on Administrative Tribunals and Enquiries"** tal-1957, maghruf ahjar bhala "**The Franks Report**" fir-Renju Unit (Cmnd. 218(1957) fejn intqal *inter alia* hekk:-

*"We are firmly of the opinion that all decisions of tribunals should be subject to review by the courts on point of law. This review could be obtained either by proceedings for certiorari or by appeal. If, as we recommend, tribunals are compelled to give full reasons for their decisions any error of law in such a decision would subject the decision to quashing by order of certiorari in England, and it is now clear that the fact that the decision of the tribunal may be expressed in the statute as 'final' does not oust jurisdiction ... Moreover, an application to quash a decision on this ground is quite different from an appeal on a point of law;*

*In the former case the Court can only quash the decision, while in the latter case the court may substitute, or in effect substitute, its own decision ... In the latter case the Court can in addition look at the notes of the evidence given before the tribunal if the point of law is whether there was evidence on which the tribunal could in law have arrived at its decision. An appeal on a point of law is therefore wider in scope. For all these reasons we recommend that review by the courts of decisions of tribunals should in general be provided by making the decisions subject to appeal on points of law..."*

Illi tenut kont tal-premess sabiex tigi deciza l-ewwel eccezzjoni imqajma mill-appellanti wiehed irrid ihares lejn l-appell maghmul mill-appellanti u fil-fatt l-aggravju tieghu huwa fis-sens li l-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar ma immottivax id-decizjoni tieghu fir-rigward tal-passagg li allegatament kien hemm fl-ghalqa. L-appellant jghid illi "*ghalkemm l-avviz biex tieqaf u ta' twettieq kien jallega li 'ma dan kollu qieghed taghmel passagg fl-ghalqa minghajr permess' jidher li l-Bord ta' l-Appell dwar l-*

*Ippjanar naqas milli jaghti l-motivazzjoni tieghu ghalfejn ikkonferma l-avviz anki f'dan ir-rigward* (sottolinejar tal-Qorti) *u b'hekk twettqet ingustizzja manifesta fil-konfront ta' l-appellant*". B'dan l-aggravju, jirrizulta illi l-appellant ma huwiex jilmenta dwar il-fatt illi d-decizjoni kollha ma kinitx motivata izda li parti minnha biss – u cioe' dik li kienet tirrigwarda l-passagg fl-ghalqa – ma kinitx hekk motivata. Is-sentenzi citati mill-appellant odjern ma humiex applikabbli ghal kaz odjern.

Illi fil-kaz citat ta' **"Michael Gatt vs Awtorita ta' l-Ippjanar"** inghad minn din il-Qorti illi "*allura biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke' lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Naturalment il-Qorti tifhem li l-Bord huwa, bhal din il-Qorti, mghobbi b'numru kbir ta' kawzi li wiehed ikun irid jaqtaghhom fi zmien ragonevoli. Pero', il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita' tal-gudizzju ma jistax jiehu "short cut" fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita', b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja*". Pero' minkejja li din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, qajmet dan il-punt, xorta wahda hija ma annullatx id-decizjoni tal-Bord minhabba dan il-fatt izda annullat dik id-decizjoni peress illi l-Bord kien enuncja punt ta' ligi b'mod zbaljat.

Illi din il-Qorti tenfassiza l-fatt illi kemm jista jkun kull punt ikun trattat fid-decizjoni moghtija izda mhux kull punt huwa necessarju li jigi dibatut u deciz sabiex tigi risolta l-vertenza li tkun tqajmet quddiem il-Bord. Il-Qorti rat id-decizjoni moghtija minn din il-Bord u ma issib xejn x'ticcensura f'din id-decizjoni legalment.

Illi l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu jpoggi s-segwenti mistoqsija: *"X'irrizulta lill-Bord ta' l-Appell illi kien hemm*

*dan il-passagg jew ma kienx hemm dan il-passagg bla permess? U jekk effettivament, kif huwa sottomess mill-appellant, dan il-passagg bla permess ma kienx jezisti ghalfejn il-Bord ta' l-Appell ma ddikjarax li l-avviz ta' twettieq kien null f'dan ir-rigward!".* Minn qari akkurat ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 1304/00 li inhareg fis-6 ta' Dicembru, 2000 ghandu jirrizulta bic-car illi l-appellant odjern kien qieghed jigi mwaqqaf milli jkompli jaghmel il-konkrit fil-passagg ezistenti. (Ara r-risposta ta' l-Awtorita' appellata ghall-appell li kien sar mill-appellant odjern quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjjanar). Illi ghalhekk dawn il-mistoqsijiet qeghdin jigu mwiegba minn qari akkurat tal-atti processwali kollha. Dawn fihom innfushom huma biss kwistjoni ta' fatt u ma' hemm ebda dubju li d-decizjoni tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija ben motivata fit-termini li trid l-ligi.

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tesprimi ruhha definittivament dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' appellata, hija ser tikkumenta dwar iz-zewg aggravji l-ohra ta' l-appellant.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa li *"fir-rigward tal-hajt imsemmi fl-avviz biex tieqaf u ta' twettiq in kwistjoni l-Bord ta' l-Appell ikontradixxa lilu nnifsu fid-decizjoni tieghu bir-rizultat li assolutament mhux car jekk il-Bord ta' l-Appell ddecidiex li l-hajt per se huwa bla permess jew inkella li biss certi dettalji fl-istess hajt huma bla permess u konsegwentement d-decizjoni in kwistjoni tippekka legalment u hija nulla".*

Illi jinghad mal-ewwel illi l-appellant ma ghandux ragun, anke' f'dan l-aggravju. Meta l-Bord ikkonferma l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq, huwa kien qieghed jikkonferma li kien hemm hajt li ma kienx in konformita' mal-permess li kien hareg. Ta' min il-Qorti tfakkar illi dawn it-tip ta' avvizi jinhargu mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar *inter alia* f'kazijiet fejn 1) ikun hemm xi zvilupp illegali halli dan jieqaf, 2) jekk ikun hemm xi zvilupp li jkun qieghed isir mhux skond il-permess mahrug dan jieqaf, jew 3) bhal dan il-kaz meta l-izvilupp ma jkunx sar skond il-permess mahrug. Illi d-

decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell bl-ebda mod ma tikkontradicci lilha innifsha kif jallega l-appellant odjern.

It-tielet aggravju ta’ l-appellant huwa dwar l-allegazzjoni li skond l-istess appellanti *“l-Bord ta’ l-Appell iddecieda punt ta’ ligi b’mod zbaljat meta ddikjara li l-hrug ta’ avviz biex tieqaf u ta’ twettiq huwa validu anke’ jekk il-persuna li tigi notifikata b’tali avviz ma kinitx il-persuna li attwalment ghamlet l-izvilupp kolpit, u dan il-Bord irid ikun sodisfatt illi tali avviz ikun hareg legalment”.*

Illi anke’ f’dan ir-rigward, din il-Qorti ma tarax illi l-appell ta’ l-appellant jista jintlaqa’. Kull ma ghamel il-Bord huwa li applika l-ligi ghal kaz *de quo*. Il-Bord ta’ l-Appell ma dahalx fl-interpretazzjoni ta’ dan l-artikolu tal-ligi (**artikolu 52 tal-Kap. 356),** f’liema cirkostanzi, jekk kien ikun hemm interpretazzjoni hazina, l-appellant kien ikollu dritt ta’ appell.

Illi ghalhekk l-ebda wiehed minn dawn l-aggravji mmressqa mill-appellant odjern ma jistghu jintlaqaw u dan peress illi l-ebda wiehed minnhom ma huwa ibbazzat fuq punt ta’ ligi. Isegwi allura li ghar-ragunijiet premessi l-appell interpost ghandu jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-appell interpost mir-rikorrenti permezz ta’ rikors datat 25 ta’ Marzu, 2003**, u filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni preliminari ta’ l-Awtorita appellata fil-paragrafu numru tlieta (3) fir-risposta taghha tat-28 ta’ Mejju, 2003, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“John Polidano vs L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** datata 12 ta’ Marzu, 2003.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------